KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PITRUZZELLA
ippreżentati fid-29 ta' April 2021 [1]

Kawża C-783/19

Comité Interprofessionnel du Vin de Champagne
vs
GB

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Barcelona (il-Qorti Provinċjali ta' Barcelona, Spanja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' oriġini tal-prodotti agrikoli u tal-ikel – Servizzi – Kunċett ta' evokazzjoni – Komparabbiltà bejn il-prodotti – DOP 'Champagne' – Użu tad-denominazzjoni 'Champanillo' għal servizzi ta' ikel"

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari li hija s-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 103 tar-Regolament Nru 1308/2013 [2].

2. Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn il-Comité Interprofessionnel du Vin de Champagne (iktar 'il quddiem: iċ-"CIVC") u GB dwar l-użu fil-kummerċ tas-sinjal CHAMPANILLO sabiex jiddeskrivi stabbilimenti kummerċjali tal-ikel.

I. Il-kuntest ġuridiku

3. L-Artikolu 92(1) u (2) tar-Regolament Nru 1308/2013, li jaqa' fit-Taqsima 2 ta' dan ir-regolament, jiddisponi dan li ġej:

"1. Ir-regoli dwar denominazzjonijiet ta' oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi u termini tradizzjonali stabbiliti f'din it-Taqsima għandhom japplikaw għall-prodotti msemmija fil-punti 1, 3 sa 6, 8, 9, 11, 15 u 16 tal-Parti II tal-Anness VII [3].

2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq:

(a) il-protezzjoni tal-interessi leġittimi tal-konsumaturi u tal-produtturi;

[1] Lingwa oriġinali: it-Taljan.

[2] Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU 2013, L 347, p. 671, rettifiki fil-ĠU 2014, L 189, p. 261, fil-ĠU 2016, L 130, p. 9 u fil-ĠU 2020, L 1, p. 5).

[3] Dwar prodotti tad-dielja. Il-punt 5 tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament Nru 1308/2013 jiddefinixxi l-karatteristiċi tal-"Inbid frizzanti ta' kwalità", kategorija li fiha taqa' x-xampanja.

(b) l-iżgurar tal-operazzjoni mingħajr diffikultajiet tas-suq intern għall-prodotti konċernati;

(c) il-promozzjoni tal-produzzjoni ta' prodotti ta' kwalità imsemmija f'din it-Taqsima, waqt li jitħallew miżuri nazzjonali ta' politika tal-kwalità".

4. Skont l-Artikolu 93(1)(a) ta' dan ir-regolament:

"1. Għall-finijiet ta[t-Taqsima 2 tar-Regolament Nru 1308/2013] għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'denominazzjoni ta' oriġini' tfisser l-isem ta' reġjun, post speċifiku jew, f'każijiet eċċezzjonali u ġustifikabbli kif adatt, ta' pajjiż użat biex ikun deskritt prodott imsemmi fl-Artikolu 92(1) li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) il-kwalità u l-karatteristiċi tal-prodott ikunu essenzjalment jew esklużivament dovuti għal ambjent ġeografiku partikolari bil-fatturi inerenti naturali u umani tiegħu;

(ii) l-għeneb li minnu jsir il-prodott jiġi esklużivament minn dik iż-żona ġeografika;

(iii) il-produzzjoni ssir f'dik iż-żona ġeografika

(iv) il-prodott jinkiseb minn varjetajiet ta' dwieli li jkunu ta' Vitis vinifera […]".

5. L-Artikolu 103(2) tal-istess regolament, intitolat "Protezzjoni", jipprevedi:

"Denominazzjoni protetta ta' oriġini [(DOP)] u indikazzjoni ġeografika protetta [(IĠP)], kif ukoll l-inbid li juża dak l-isem protett f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet ta' prodotti għandhom ikunu protetti kontra:

(a) kwalunkwe użu kummerċjali dirett jew indirett ta' dak l-isem protett:

(i) minn prodotti komparabbli li mhumiex konformi ma' l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tal-isem protett; jew

(ii) sakemm dan l-użu jisfrutta r-reputazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika;

(b) kwalunkwe użu ħażin, imitazzjoni jew evokazzjoni, anke jekk l-oriġini vera tal-prodott jew is-servizz tkun indikata jew jekk l-isem protett ikun ġie tradott, traskritt jew ttraslitterat jew ikun akkumpanjat minn espressjoni bħal 'stil', 'tip', 'metodu', 'kif prodott fi', 'imitazzjoni', 'togħma', 'bħal' jew espressjonijiet simili;

[…]".

6. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 104 tar-Regolament Nru 1308/2013, "[i]l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru elettroniku ta' denominazzjonijiet protetti ta' oriġini [DOP] u ta' [IĠP] għall-inbid li għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku".

7. Bis-saħħa tal-Artikolu 107(1) tar-Regolament Nru 1308/2013, uħud mid-DOP ta' inbejjed eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament huma awtomatikament protetti bis-saħħa tiegħu u inklużi fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 104 ta' dan ir-regolament. Id-denominazzjoni "Champagne" hija DOP skont l-Artikolu 93(1)(a) tar-Regolament Nru 1308/2013 irreġistrata fil-livell tal-Unjoni [4] u protetta bis-saħħa tal-Artikolu 107(1) ta' dan ir-regolament peress li kienet eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu. Din id-denominazzjoni hija rriżervata għall-inbejjed frizzanti ta' kwalità (bojod jew rosé) kif iddefiniti fil-punt 5 tal-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament Nru 1308/2013, prodotti, skont il-karatteristiċi ddefiniti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott applikabbli, f'ċerti żoni jew villaġġi tad-dipartimenti Franċiżi tal-Marne u tal-Aube kif ukoll fir-reġjun Grande Est.

II. Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

8. Iċ-CIVC, appellant fil-kawża prinċipali, huwa korp semipubbliku li għandu personalità ġuridika, irrikonoxxut fid-dritt Franċiż u inkarigat sabiex jipproteġi l-interessi tal-produtturi tax-xampanja. Iċ-CIVC fetaħ kawża quddiem il-Juzgado mercantil de Barcelona (il-Qorti Kummerċjali ta' Barcelona, Spanja) sabiex GB, appellat fil-kawża prinċipali, ma jibqax juża, inkluż fin-netwerk soċjali (Instagram u Facebook), is-sinjal CHAMPANILLO, u jirtira mis-suq u mill-internet kwalunkwe sinjal u mezz pubbliċitarju jew kummerċjali li fuqu jidher dan is-sinjal, kif ukoll sabiex jitneħħa l-isem tad-dominju "champanillo.es". GB deher quddiem il-qorti u rribatta billi sostna li s-sinjal CHAMPANILLO jintuża bħala isem kummerċjali ta' stabbilimenti tal-ikel ("tapas bar" li jinsabu fil-komunità awtonoma tal-Cataluña), mingħajr ebda probabbiltà ta' konfużjoni mal-prodotti koperti bl-isem "Champagne" u mingħajr l-ebda intenzjoni ta' parassitiżmu tar-reputazzjoni ta' dan l-isem.

9. Il-Juzgado mercantil de Barcelona (il-Qorti Kummerċjali ta' Barcelona) ċaħdet it-talbiet kollha taċ-CIVC. Hija sostniet li l-użu tas-sinjal CHAMPANILLO ma kienx jinkludi evokazzjoni bi ksur tad-DOP "Champagne", peress li ma kienx intiż sabiex jiddeskrivi xarba alkoħolika iżda stabbilimenti tal-ikel – li fihom ma tinbiegħx ix-xampanja – u għalhekk prodotti differenti minn dawk protetti mid-DOP, indirizzati lejn pubbliku differenti. Fil-motivi ta' din is-sentenza, il-Juzgado mercantil de Barcelona (il-Qorti Kummerċjali ta' Barcelona) irreferiet għad-direzzjoni mogħtija mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja) f'sentenza tal-2016, li fiha kien ġie eskluż li l-użu tat-terminu CHAMPÌN għall-kummerċjalizzazzjoni ta' xarba bil-gass mingħajr alokoħol abbażi tal-frott, intiża għall-konsum waqt festini għat-tfal, kien jikser id-DOP "Champagne", minħabba d-differenza bejn il-prodotti kkonċernati u l-pubbliku li għalih kienu intiżi u minkejja x-xebh fonetiku bejn iż-żewġ sinjali [5].

10. Iċ-CIVC appella mis-sentenza tal-Juzgado mercantil de Barcelona (il-Qorti Kummerċjali ta' Barcelona) quddiem l-Audiencia provincial de Barcelona (il-Qorti Provinċjali ta' Barcelona, Spanja). Din l-aħħar qorti tesponi: i) li GB ipprova darbtejn jirreġistra s-sinjal CHAMPANILLO bħala trade mark mal-Uffiċċju tal-Privattivi Spanjol u li dawn l-applikazzjonijiet ġew miċħuda, b'deċiżjonijiet tat-8 ta' Frar 2011 u tal-14 ta' April 2015, wara oppożizzjoni miċ-CIVC; ii) li bħala grafika sabiex jirreklama l-istabbilimenti tiegħu GB juża l-istampa ta' żewġ tazzi li fihom xarba frizzanti; iii) li ċ-CIVC ipproduċa dokumenti li juru li sal-2015 GB kien ibiegħ inbid [6] frizzanti bl-isem "Champanillo" fl-istabbilimenti tiegħu u li l-bejgħ waqaf biss wara intervent taċ-CIVC.

[4] Rif. PDO-FR-A1359.

[5] Sentenza tal-1 ta' Marzu 2016 (ECLI:ES:TS:2016:771).

[6] Id-digriet tar-rinviju f'xi partijiet jitkellem dwar "xarba", f'oħrajn dwar "inbid".

11. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li kemm l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 510/2006[7], kif ukoll l-Artikolu 103 tar-Regolament Nru 1308/2013 jipproteġu d-DOP fir-rigward ta' prodotti, bl-unika eċċezzjoni tal-Artikolu 103(2)(b) li jsemmi wkoll is-servizzi. Hija tindika li għandha dubji dwar il-portata u l-interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-DOP f'sitwazzjoni fejn is-sinjal f'kunflitt ma' din id-denominazzjoni huwa użat fil-kummerċ mhux biex jiddeskrivi prodotti iżda servizzi.

12. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Audiencia Provincial de Barcelona (il-Qorti Provinċjali ta' Barcelona) issospendiet il-proċeduri quddiemha u għamlet id-domandi segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-kamp ta' protezzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini jippermetti li din tkun protetta mhux biss fir-rigward ta' prodotti simili, iżda wkoll fir-rigward ta' servizzi li jistgħu jkunu marbuta mad-distribuzzjoni diretta jew indiretta ta' dawn il-prodotti?

2) Ir-riskju ta' ksur minħabba evokazzjoni li għalih jirreferu l-artikoli inkwistjoni tar-regolamenti tal-Unjoni jeżiġi li titwettaq prinċipalment analiżi nominali, sabiex jiġi ddeterminat l-effett tiegħu fuq il-konsumatur medju, jew, sabiex jiġi analizzat dan ir-riskju ta' ksur minħabba evokazzjoni, l-ewwel għandu jiġi ddeterminat li l-prodotti involuti huma l-istess prodotti, prodotti simili jew prodotti kumplessi li jinkludu, fost il-komponenti tagħhom, prodott protett minn denominazzjoni ta' oriġini?

3) Ir-riskju ta' ksur minħabba evokazzjoni għandu jiġi stabbilit permezz ta' parametri oġġettivi meta jkun hemm koinċidenza totali jew kbira ħafna bejn l-ismijiet, jew dan għandu jitkejjel b'teħid inkunsiderazzjoni tal-prodotti u tas-servizzi evokattivi u evokati sabiex jiġi konkluż li r-riskju ta' evokazzjoni huwa żgħir jew irrilevanti?

4) Il-protezzjoni prevista mil-leġiżlazzjoni ta' riferiment fil-każijiet ta' riskju ta' evokazzjoni jew ta' sfruttament hija protezzjoni speċifika, propja għall-partikolaritajiet ta' dawn il-prodotti, jew il-protezzjoni għandha neċessarjament tkun marbuta mad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni żleali?"

13. Iċ-CIVC, il-Gvern Franċiż u dak Taljan u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Bħala miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura skont l-Artikolu 61(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar stiednet lill-partijiet fil-kawża prinċipali u dawk ikkonċernati skont l-Artikolu 23 tal-Istatut sabiex iwieġbu bil-miktub għal xi mistoqsijiet. Iċ-CIVC, GB, il-Gvern Franċiż u dak Taljan u l-Kummissjoni osservaw din il-miżura.

III. Analiżi

A. Osservazzjonijiet preliminari

14. Qabel ma nipproċedu għall-eżami tad-domandi preliminari għandhom isiru xi spjegazzjonijiet dwar il-qafas leġiżlattiv indikat fid-deċiżjoni tar-rinviju.

[7] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet ta' l-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel (ĠU 2008, L 335M, p. 213, rettifiki fil-ĠU 2009, L 64M, p. 74 u fil-ĠU 2011, L 293, p. 38).

15. Fl-ewwel lok, minn dan id-digriet jirriżulta li l-Audiencia provincial de Barcelona (il-Qorti Provinċjali ta' Barcelona) tqis bħala applikabbli għal kawża prinċipali kemm il-Ftehim bilaterali bejn ir-Repubblika Franċiża u l-Istat Spanjol tas-27 ta' Ġunju 1973 dwar il-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini, tal-Indikazzjonijiet ta' Provenjenza u tad-Denominazzjonijiet ta' xi Prodotti[8], kif ukoll, bis-saħħa ta' dan il-ftehim, id-Digriet Nru 2010-1441 tat-22 ta' Novembru 2010, dwar id-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata "Champagne"[9] u l-Artikolu L 643-1 tal-Kodiċi Rurali Franċiż[10]. Skont il-qorti tar-rinviju, dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt Franċiż "huma integrati" mad-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt tal-Unjoni.

16. Issa, kif korrettament muri mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-opportunità li tispjega, b'riferiment għar-Regolament Nru 1234/2007[11] (imħassar u ssostitwit bir-Regolament Nru 1308/2013 b'effett mill-20 Diċembru 2013), li s-sistema ta' protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini stabbilita bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni hija "uniformi u esklużiva" u tipprekludi kemm l-applikazzjoni ta' sistema ta' protezzjoni nazzjonali ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti taħt tali leġiżlazzjoni[12], kif ukoll sistema ta' protezzjoni prevista permezz ta' trattati li jorbtu żewġ Stati Membri[13].

17. Fit-tieni lok, anki jekk fil-formulazzjoni tad-domandi preliminari l-Audencia provincial de Barcelona (il-Qorti Provinċjali ta' Barcelona) ma tirreferix b'mod espress għal xi dispożizzjoni speċifika tar-regolamenti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-DOP, fil-motivi tad-digriet tar-rinviju din il-qorti tirreferi, kif rajna, minbarra għall-Artikolu 103 tar-Regolament Nru 1308/2013, għall-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 510/2006[14] ukoll. Madankollu t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament[15] jeskludi espressament mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu l-prodotti tas-settur tal-inbid. Għalhekk, la r-Regolament Nru 510/2006, u lanqas ir-Regolament Nru 1151/2012, li ssostitwih, ma japplikaw għall-kawża prinċipali.

18. Minkejja dan, peress li d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li jinsabu fid-diversi regolamenti settorjali huma redatti f'termini li jixxiebhu ħafna, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi, permezz ta' ġurisprudenza stabbilita, li l-prinċipji stabbiliti fil-qafas tal-interpretazzjoni tas-sistemi individwali ta' protezzjoni għandhom applikazzjoni trasversali[16].

8 JORF tat-18 ta' April 1975, p. 4011.

9 JORF Nru 0273 tal-25 ta' Novembru 2010, test nru 8.

10 Nispjega li l-qorti tar-rinviju appoġġat ir-riferimenti leġiżlattivi li fuqhom kienet ibbażata l-kawża taċ-CIVC fl-ewwel istanza.

11 Regolament (KE) tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Regolament dwar OKS Unika) (ĠU 2007, L 299, p. 1 u rettifika fil-ĠU 2013, L 97, p. 4).

12 Ara s-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, EUIPO vs Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto (C-56/16 P, EU:C:2017:693, punti 96, 101 u 103).

13 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, EUIPO vs Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto (C-56/16 P, EU:C:2017:693, punti 99 sa 102). F'din is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja tirreferi għas-sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, Budějovický Budvar (C-478/07, EU:C:2009:521, punti 107 *et seq.*), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni ta' trattat konkluż bejn żewġ Stati Membri li permezz tiegħu indikazzjoni ġeografika rreġistrata f'wieħed minnhom, iżda mhux f'livell Ewropew, kienet xorta rrikonoxxuta u protetta fl-Istat Membru l-ieħor. Fis-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, EUIPO vs Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto (C-56/16 P, EU:C:2017:693, punti 99 sa 102), il-Qorti tal-Ġustizzja użat l-istess raġunament f'kuntest fejn id-denominazzjoni ta' oriġini kienet irreġistrata fil-livell tal-Unjoni.

14 Li sar l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2012, L 343, p. 1 u rettifiki fil-ĠU 2013, L 55, p. 27, fil-ĠU 2015, L 191, p. 10 u fil-ĠU 2019, L 216, p. 40). Dan ir-regolament ħassar u ssostitwixxa lir-Regolament Nru 510/2006 b'effett mit-3 ta' Jannar 2013.

15 Li sar l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 1151/2012.

16 Ara, dwar ir-rekwiżit li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati li jaqgħu fil-kamp tal-leġiżlazzjoni trasversali tal-Unjoni jiġu interpretati b'mod li jippermettu applikazzjoni koerenti tagħhom, is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Comité Interprofessionnel du Vin de Champagne (C-393/16, EU:C:2017:991, punt 32, iktar 'il quddiem is-"sentenza CIVC").

19. Finalment, għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni *ratione temporis* tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, minkejja li ma hemmx indikazzjoni espressa f'dan is-sens fid-digriet tar-rinviju, jidher evidenti li l-aġir li kontrih saret il-kawża taċ-CIVC kien, almenu parzjalment, kommess wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1308/2013. Minn dan isegwi li d-domandi preliminari għandhom jinftehmu bħala li huma diretti sabiex jiksbu interpretazzjoni tal-Artikolu 103(2) tar-Regolament Nru 1308/2013. Barra minn hekk, anki jekk dan il-punt ma jirriżultax b'mod espress mid-digriet tar-rinviju, huwa possibbli li xi aġir illegali allegatament kommess minn GB bi ksur tad-DOP "Champagne" beda fil-perijodu meta kien fis-seħħ ir-Regolament Nru 1234/2007. Għalhekk, anki jekk fl-eżami tad-domandi preliminari ser nirreferi biss għall-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013, ir-risposti li ser nissuġġerixxi li għandhom jingħataw għal dawn id-domandi japplikaw ukoll għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 118m tar-Regolament Nru 1234/2007, kif emendat bir-Regolament Nru 491/2009[17], redatt f'termini sostanzjalment identiċi.

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari

20. Permezz tal-ewwel domanda tagħha l-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-DOP humiex protetti biss kontra prattiki li jirreferu għal prodotti identiċi jew komparabbli għal dawk koperti mid-denominazzjoni inkwistjoni jew wkoll fir-rigward ta' prattiki relatati ma' servizzi marbuta mad-distribuzzjoni diretta jew indiretta ta' dawn il-prodotti.

21. Din id-domanda hija fformulata f'termini wiesgħa, li jistgħu jinkludu l-aġir kollu pprojbit fis-sens tal-Artikolu 103(2) tar-Regolament Nru 1308/2013.

22. Madankollu kemm mill-proċess tal-kawża prinċipali[18] kif ukoll mill-formulazzjoni tat-tieni u tat-tielet domanda preliminari u mill-motivi tad-digriet tar-rinviju jirriżulta li d-dubji tal-Audiencia provincial de Barcelona (il-Qorti Provinċjali ta' Barcelona) u l-kwistjoni li din il-qorti hija mitluba tiddeċiedi jirrigwardaw speċifikament il-protezzjoni kontra evokazzjoni prevista fl-Artikolu 103(2)(b) tal-imsemmi regolament.

23. Minkejja dan, fl-osservazzjonijiet bil-miktub rispettivi, kemm iċ-CIVC kif ukoll il-Kummissjoni rreferew espressament għall-punt (a) ta' dan il-paragrafu, filwaqt li l-Gvern Franċiż eżamina l-ewwel domanda preliminari b'riferiment għall-aġir kollu pprojbit mill-Artikolu 103(2) tar-Regolament Nru 1308/2013, inklużi l-prattiki li jinsabu fil-punti (c) u (d) ta' din id-dispożizzjoni[19].

24. Bħala miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja stiednet lill-partijiet u lill-persuni kkonċernati fis-sens tal-Artikolu 23 tal-Istatut sabiex jiddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom dwar il-possibilità li jiġi applikat għall-kawża prinċipali l-Artikolu 103(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1308/2013, dispożizzjoni li tipprojbixxi l-użu kummerċjali dirett jew indirett tad-denominazzjoni protetta li tisfrutta r-reputazzjoni ta' din tal-aħħar. Il-mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja kienet tirreferi b'mod espress għall-punt 31 tas-sentenza tas-

[17] Regolament (KE) tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2009, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ĠU 2009 L 154, p. 1, rettifika fil-ĠU 2011, L 313, p. 47).

[18] Mill-osservazzjonijiet bil-miktub taċ-CIVC jirriżulta li l-kawża miftuħa kontra GB tikkontesta fil-konfront ta' dan tal-aħħar allegata evokazzjoni illegali tad-DOP Champagne.

[19] Madankollu nirrileva li ċ-CIVC, il-Gvern Franċiż u dak Taljan, kif ukoll il-Kummissjoni kollha fformulaw ir-risposti tagħhom għall-ewwel domanda preliminari billi rreferew f'termini ġenerali għall-protezzjoni tad-DOP jew għall-Artikolu 103 tar-Regolament Nru 1308/2013.

7 ta' Ġunju 2018 Scotch Whisky Association [20] (iktar 'il quddiem: is-"sentenza Scotch Whisky Association"), li fiha, filwaqt li ddeċidiet dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 16(a) tar-Regolament Nru 110/2008 [21], il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li "is-sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu koperti [minn din id-dispożizzjoni] għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit ta' użu, mis-sinjal kontenzjuż, tal-indikazzjoni ġeografika rreġistrata b'mod identiku jew, għall-inqas, b'mod simili ħafna mil-lat fonetiku u/jew viżiv".

25. Ma hemmx dubju li d-DOP "Champagne" u s-sinjal ikkontestat, CHAMPANILLO, għandhom ċertu grad ta' xebh mill-perspettiva fonetika u viżiva, b'mod partikolari jekk il-paragun isir b'teħid inkunsiderazzjoni tat-traduzzjoni bl-Ispanjol tad-DOP, "Champán" [22]. Fil-fatt, bl-eċċezzjoni tal-aċċent, id-DOP hija riprodotta kompletament u perċepibbli immedjatament kemm viżwalment kif ukoll fonetikament, fid-denominazzjoni kkontestata. Għalhekk huwa leġittimu li jiġi mistoqsi, sabiex tiġi ddefinita l-portata tal-ewwel domanda preliminari jekk l-Artikolu 103(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1308/2013 huwiex xorta applikabbli għal sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, jiġifieri jekk l-użu tas-sinjal ikkontestat jistax jikkostitwixxi "użu" tad-DOP "Champagne" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni [23].

26. Madankollu, bħall-Kummissjoni, jiena inklinat li nagħti risposta negattiva għal din id-domanda u nsostni li l-aġir ikkontestat miċ-CIVC għandu jiġi eżaminat biss fid-dawl tal-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013.

27. Fil-fatt, għalkemm huwa veru li l-kunċett ta' "użu" ta' indikazzjoni ġeografika protetta skont l-Artikolu 103(2)(a) ta' dan ir-regolament jista' jinkludi l-użu, fis-sinjal ikkontestat, ta' tali indikazzjoni "b'mod simili ħafna mil-lat fonetiku u/jew viżiv" [24], l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Scotch Whisky Association iwasslu għall-konklużjoni li l-livell ta' xebh mitlub bejn is-sinjali kunfliġġenti, sabiex tali użu jkun jista' jiġi kkonstatat, għandu jkun partikolarment għoli u qrib li s-sinjali jkunu identiċi. Fil-punt 29 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt spjegat li fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jaqa' użu tal-indikazzjoni ġeografika protetta "f'forma b'rabtiet tant mill-qrib magħha, mil-lat fonetiku u/jew viżiv, li s-sinjal kontenzjuż jidher b'mod ċar li ma jistax jiġi sseparat minnha".

[20] C-44/17, EU:C:2018:415.

[21] Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 (ĠU 2008, L 39, p. 16). L-Artikolu 16(a) tar-Regolament Nru 110/2008 għandu kontenut simili għall-Artikolu 103(2)(a) tar-Regolament Nru 1308/2013, li madankollu huwa differenti minn inkwantu jirreferi għal użu kummerċjali dirett jew indirett "ta' prodotti li m'humiex koperti bir-reġistrazzjoni", spjegazzjoni li madankollu ma tinsabx fl-ewwel dispożizzjoni. Minkejja din id-differenza, l-interpretazzjoni tat-terminu "impiego (użu)" mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 29 sa 31 tas-sentenza Scotch Whisky Association hija trasponibbli għall-kunċett ta' "uso (użu)" użat fl-Artikolu 103(2)(a) tar-Regolament Nru 1308/2013.

[22] F'dan ir-rigward infakkar li fis-sentenza CIVC, punti 34 u 35, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1234/2007 u l-Artikolu 103(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1308/2013 huma applikabbli għal sitwazzjoni li fiha d-denominazzjoni kkontestata ma kinitx tinkludi d-DOP fiha nnifisha (f'dan il-każ id-DOP "Champagne"), iżda traduzzjoni tagħha fil-Ġermaniż ("Champagner").

[23] Jekk l-Artikolu 103(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1308/2013 jiġi kkunsidrat applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali, l-aġir ta' GB probabbilment għandu jiġi deskritt, parzjalment, bħala "użu kummerċjali dirett" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (pereżempju l-użu tas-sinjal "Champanillo" għal xarba/inbid frizzanti fl-istabbilimenti tiegħu jew bħala sinjal distintiv tas-servizzi ta' ikel tiegħu) u, parzjalment, bħala "użu kummerċjali indirett" (pereżempju l-użu ta' dan is-sinjal f'mezzi pubbliċitarji u fuq il-midja soċjali). F'dan ir-rigward, infakkar li fil-punt 32 tas-sentenza Scotch Whisky Association, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat, fir-rigward tal-Artikolu 16(a) tar-Regolament Nru 110/2008, li użu "dirett" jimplika li l-indikazzjoni ġeografika protetta titqiegħed direttament fuq il-prodott ikkonċernat jew fuq l-ippakkjar tiegħu stess (jew inkella, fejn l-użu jsir għal servizzi, li din l-indikazzjoni tiġi użata sabiex dawn jintgħarfu minn oħrajn), filwaqt li użu "indirett" jimplika li din l-indikazzjoni tidher f'mezzi kumplementari ta' marketing jew ta' informazzjoni, bħal reklamar li jirrigwarda dan il-prodott jew f'dokumenti relatati miegħu. Din l-interpretazzjoni hija trasponibbli għall-kunċetti ta' "użu dirett" u ta' "użu indirett" fis-sens tal-Artikolu 103(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1308/2013.

[24] Ara, b'analoġija, is-sentenza Scotch Whisky Association, punt 31.

28. Issa, fl-opinjoni tiegħi, il-paragun bejn is-sinjali kunfliġġenti fil-kawża prinċipali ma jissodisfax tali test. B'mod partikolari, is-sitwazzjoni fil-kawża prinċipali hija differenti minn dik li kienet is-suġġett tal-kawża li wasslet għas-sentenza CIVC, li kienet ukoll tirrigwarda r-riproduzzjoni, bħala parti mid-denominazzjoni ta' prodott, ta' traduzzjoni tad-DOP "Champagne". Fil-fatt, f'dak il-każ, is-sinjal "Champagner" (traduzzjoni bil-Ġermaniż tad-denominazzjoni "Champagne") kien użat b'mod separat fid-denominazzjoni kkontestata, għalkemm warajh kien hemm il-kelma "Sorbet". Is-sinjal suġġett tal-kontestazzjoni fil-kawża prinċipali, minn naħa l-oħra, jitbiegħed b'mod sostanzjali, kemm viżwalment kif ukoll fonetikament, mid-denominazzjoni bl-Ispanjol "Champàn" minħabba ż-żieda ma' din id-denominazzjoni tas-suffiss "illo".

29. Barra minn hekk nirrileva li tali żieda madankollu tippermetti li jiġi stabbilit xebh qawwi, jekk mhux identiċità vera u proprja, kunċettwali bejn id-denominazzjoni "Champagne" u s-sinjal ikkontestat, jekk, kif jidher li jirriżulta mill-proċess, dan tal-aħħar ifisser litteralment "xampanja żgħira" u jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor, bit-Taljan, għat-terminu argotiku "champagnino" (bil-Franċiż "petit champagne"). Dan il-fattur, fl-opinjoni tiegħi, jargumenta iktar lejn il-konferma li l-prattiki kkontestati jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013, li, kif se jidher aħjar iktar 'il quddiem, ikopri sitwazzjonijiet li fihom tinħoloq rabta fil-moħħ tal-konsumatur rilevanti bejn is-sinjal ikkontestat u l-prodott li jibbenefika mid-DOP [25].

30. Finalment nosserva li, meta ddeċidiet dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1151/2012, li t-test tiegħu huwa redatt f'termini li jikkoinċidu b'mod wiesa' ma' dawk tal-Artikolu 103(2) tar-Regolament Nru 1308/2013, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li tali dispożizzjoni tinkludi lista gradwata ta' aġir ipprojbit u li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13)(1)(a) tar-Regolament Nru 1151/2012 għandu neċessarjament jiġi distint minn dak relatat mar-regoli l-oħra ta' protezzjoni tad-denominazzjonijiet irreġistrati u b'mod partikolari minn dik tal-Artikolu 13(1)(b) [26]. Issa, interpretazzjoni wiesgħa żżejjed tal-kunċett ta' "użu" fis-sens tal-Artikolu 103(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1308/2013, li tinkludi sitwazzjonijiet li fihom l-prattika kkunsidrata illegali tikkonsisti f'użu tad-denominazzjoni protetta f'forma li ma hijiex sostanzjalment korrispondenti ma' dik irreġistrata, għandha r-riskju li tnaqqas iżżejjed id-demarkazzjoni bejn il-każijiet irregolati minn din id-dispożizzjoni u dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 103(2)(b) ta' dan ir-regolament, biex b'hekk ikun diffiċli li tinżamm awtonomija effettiva bejniethom.

31. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari, kif iddefinita hawn fuq, fl-opinjoni tiegħi, ma ġġibx magħha xi diffikultà partikolari.

32. Il-kliem tal-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 fil-fatt espressament jindika li d-DOP huma protetti minn kwalunkwe "użu ħażin, imitazzjoni jew evokazzjoni, anke jekk l-oriġini vera tal-prodott jew *is-servizz* tkun indikata" [27]. Ma hemmx dubju, minn perspettiva sintattika kif ukoll ta' koerenza loġika interna tar-regola stipulata, li din id-dispożizzjoni tirreferi għall-oriġini tal-prodott jew tas-servizz tas-sinjal ikkontestat. U dan ma jistax ikun mod ieħor, kif korrettament irrilevat mill-Gvern Taljan, mill-mument li, skont id-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 93(1)(a) tar-Regolament Nru 1308/2013, id-DOP ikopru prodott fis-sens tal-Artikolu 92(1) ta' dan ir-regolament u għalhekk ma jistgħux ikunu rreġistrati għal servizzi.

[25] Ara, b'analoġija, is-sentenza Scotch Whisky Association, punt 33.

[26] Ara s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020 Syndicat interprofessionnel de défense du fromage Morbier (C-490/19, EU:C:2020:1043, punti 24 u 25).

[27] Korsiv miżjud minni.

33. L-interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 timmilita għalhekk lejn protezzjoni tad-DOP kontra l-prattiki li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu anki fejn tali prattiki jirrigwardaw servizzi.

34. F'dan is-sens timmilita wkoll interpretazzjoni teleoloġika ta' din id-dispożizzjoni.

35. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li ir-Regolament Nru 1308/2013 jikkostitwixxi strument tal-politika agrikola komuni intiż, fost l-oħrajn, sabiex jipprekludi li terzi ma japprofittawx ruħhom abbużivament mir-reputazzjoni li tirriżulta mill-kwalità tal-prodotti li għandhom indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tiegħu [28].

36. L-Artikolu 103(2) ta' dan ir-regolament jipprevedi għalhekk protezzjoni wiesgħa li, skont dak stipulat fl-ewwel sentenza tal-premessa 97 tal-istess regolament, hija intiża sabiex tkopri "l-użi li japprofittaw b'mod abbużiv mir-reputazzjoni li jgawdu l-prodotti" kollha li huma koperti minn waħda minn dawn l-indikazzjonijiet.

37. B'mod iktar speċifiku, l-Artikolu 103(2)(b) ta' dan ir-regolament jipprojbixxi kull prattika intiża sabiex tisfrutta b'mod mhux xieraq ir-reputazzjoni ta' DOP (jew ta' IĠP) permezz ta' assoċjazzjoni magħha.

38. F'dan il-kuntest, interpretazzjoni tal-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 li ma tippermettix protezzjoni ta' DOP fil-każ fejn is-sinjal ikkontestat ikopri servizz u mhux prodott mhux biss ma tkunx koerenti mal-portata wiesgħa rrikonoxxuta mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati, iżda, kif korrettament osservat mill-Gvern Taljan, ma tippermettix li jintlaħaq b'mod sħiħ l-għan ta' protezzjoni stipulat fl-ewwel sentenza tal-premessa 97 ta' dan ir-regolament. Sfruttament mhux xieraq tar-reputazzjoni ta' prodott kopert minn DOP fil-fatt jista' jseħħ mhux biss fil-każ fejn il-prattika pprojbita mill-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 tirreferi għal prodott, iżda anki fejn tirrigwarda servizz.

39. Sabiex tissodisfa l-għanijiet stabbiliti mir-Regolament Nru 1308/2013, din id-dispożizzjoni għalhekk għandha tapplika fil-każijiet fejn id-DOP tiġi evokata fil-kuntest tal-kummerċjalizzazzjoni ta' servizz. Barra minn hekk, din il-konklużjoni toħroġ b'mod ċar mit-tieni sentenza tal-premessa 97 ta' dan ir-regolament, li għaliha jirreferu kemm iċ-CIVC kif ukoll il-Gvern Franċiż u dak Taljan u l-Kummissjoni, li tipprevedi li "[b]iex tippromwovi l-kompetizzjoni ġusta […] il-protezzjoni [tad-DOP u tal-IĠP] għandha tkun ukoll għal prodotti u servizzi mhux koperti b'dan ir-Regolament, inklużi dawk li ma jinstabux fl-Anness I għat-[Trattati]" [29]. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li, b'riferiment partikolari għad-denominazzjonijiet ta' oriġini u għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ta' inbejjed, il-premessa 92 tal-istess regolament tinkoraġġixxi allinjament mar-Regolament Nru 1151/2012, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni trasversali tal-Unjoni dwar il-kwalità. Minn naħa tagħha, il-premessa 32 ta' dan ir-regolament, fl-ispjegazzjoni li "[i]l-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għandha tiġi estiża għall-abbuż, l-imitazzjoni u l-evokazzjoni ta' ismijiet irreġistrati kemm fuq prodotti kif ukoll fuq servizzi", tirreferi espressament għar-rekwiżit ta' garanzija ta' livell ta' protezzjoni "allinjata ma' dik li tapplika fis-settur tal-inbid".

[28] Ara, f'dak li jirrigwarda r-Regolament Nru 1234/2007, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, EUIPO vs Instituto dos Vinhos do Douro e do Porto (C-56/16 P, EU:C:2017:693, punt 82), u s-sentenza CIVC, punt 38.

[29] Dawn huma prodotti li għalihom japplikaw l-Artikoli 39 sa 44 TFUE fuq il-politika agrikola komuni.

40. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nissuġġerixxi għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposta għall-ewwel domanda preliminari fis-sens li l-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni anki atti ta' użu ħażin, imitazzjoni jew evokazzjoni ta' DOP li jirreferu għal servizzi.

41. Qabel ma nkompli l-analiżi tiegħi, nixtieq nispjega, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li ma tillimitax ir-risposta għall-ewwel domanda preliminari għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 biss, li l-istess portata li nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lil din id-dispożizzjoni għandha, fl-opinjoni tiegħi, tkun irrikonoxxuta wkoll għall-Artikolu 103(2)(a)(ii) ta' dan ir-regolament.

42. Fil-fatt, minn naħa waħda, it-test ta' din id-dispożizzjoni, meta jirreferi għal "*kwalunkwe użu* kummerċjali dirett jew indirett"[30] ma jippermettix li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha jkun limitat għal użi li jirreferu biss għal prodotti, bl-esklużjoni ta' dawk relatati ma' servizzi. Barra minn hekk, bl-ispjegazzjoni li din il-projbizzjoni tapplika "sakemm dan l-użu jisfrutta r-reputazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini jew ta' indikazzjoni ġeografika", din id-dispożizzjoni tagħmel enfażi b'mod espress fuq l-effett tal-użu u mhux fuq it-tipoloġija partikolari tiegħu. Barra minn hekk, l-istess kunsiderazzjonijiet relatati mal-għanijiet tar-Regolament Nru 1308/2013 u l-portata wiesgħa tal-protezzjoni li dan tal-aħħar jagħti lill-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tiegħu, esposti fil-punti 35 u 36 ta' dawn il-konklużjonijiet, japplikaw ukoll għall-finijiet ta' interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 103(2)(a)(ii) ta' dan ir-regolament[31].

C. Fuq it-tieni u t-tielet domanda preliminari

43. Bit-tieni u t-tielet domanda preliminari, li huwa opportun li jiġu ttrattati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment liema huma l-kriterji li għandhom jiġu applikati sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' evokazzjoni fis-sens tal-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013. B'mod partikolari, l-Audiencia provincial de Barcelona (il-Qorti Provinċjali ta' Barcelona) tistaqsi dwar ir-rwol li għandu jingħata, f'din l-evalwazzjoni, lill-paragun bejn il-prodott kopert bid-DOP u l-prodott (jew is-servizz) li fir-rigward tiegħu huwa użat is-sinjal ikkontestat u dwar il-ħtieġa li tiġi aċċertata minn qabel l-identiċità jew ix-xebh bejn dawn il-prodotti jiġifieri l-eżistenza ta' rabta ta' forma oħra bejniethom (jew bejn il-prodott DOP u s-servizz inkwistjoni).

44. F'dan ir-rigward, nosserva qabel xejn li għalkemm l-Artikolu 103(2)(a) tar-Regolament Nru 1308/2013 jispjega li l-użu dirett jew indirett ta' DOP huwa pprojbit kemm fir-rigward ta' "prodotti komparabbli" li ma humiex konformi mal-ispeċifikazzjoni ta' din tal-aħħar (punt (a)(i)), kif ukoll meta tali użu jisfrutta r-reputazzjoni tad-DOP (punt (a)(ii)), il-punt (b) tal-paragrafu (2) ta' dan l-artikolu ma fih l-ebda indikazzjoni la fis-sens ta' limitazzjoni tal-protezzjoni kontra evokazzjoni fil-każijiet biss fejn il-prodotti koperti mid-DOP u l-prodotti jew is-servizzi li għalihom huwa użat is-sinjal ikkontestat huma "komparabbili" jew "simili", u lanqas fis-sens ta' estensjoni ta' tali protezzjoni fil-każijiet li fihom tali sinjal jirreferi għal prodotti u/jew servizzi differenti minn dawk li jibbenefikaw mid-DOP[32]. Minn naħa l-oħra, il-kunċett ta' "xebh bejn

[30] Korsiv miżjud minni.

[31] Ara s-sentenza CIVC, punt 31. F'dan is-sens, din il-protezzjoni testendi wkoll anki għal prodotti li ma humiex simili, ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2007, Budějovický Budvar vs UASI – Anheuser-Busch (BUDWEISER) (T-53/04 sa T-56/04, T-58/04 u T-59/04, mhux ippubblikata, EU:T:2007:167, punt 175).

[32] Fis-sens kuntrarju, ara, madankollu, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2007, Budějovický Budvar vs UASI – Anheuser-Busch (BUD), T-60/04 sa T-64/04, mhux ippubblikata, EU:T:2007:169, punti minn 164 sa 169, speċifikatament. punt 166.

il-prodotti" kif applikat fid-dritt tad-trade marks [33], li għalih jidher li qed tirreferi l-qorti tar-rinviju, jidher li ma huwiex relatat mal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, li għaliha minflok huwa enfasizzat, kif rajna, il-kunċett ta' "komparabbiltà bejn il-prodotti" [34], kunċett li minbarra hekk jidher li għandu jiġi interpretat b'mod iktar restrittiv [35].

45. F'dan il-kuntest, kuntrarjament għal dak li jidhru qed isostnu ċ-CIVC u l-Gvern Franċiż, ma nqisx li l-ispjegazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-protezzjoni tad-denominazzjonijiet irreġistrati kontra l-evokazzjoni tirriżulta mill-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni [36], għandha importanza deċiżiva sabiex jiġi stabbilit jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' tali protezzjoni għandux jiġi meqjus limitat biss għal prodotti u/jew servizzi komparabbli mal-prodott li jibbenefika mid-DOP. Fil-fatt, probabbiltà ta' konfużjoni tista' tiġi eskluża – pereżempju fil-każijiet espressament previsti mill-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013, li fihom l-oriġini tal-prodott jew tas-servizz hija indikata jew fejn jintużaw termini bħal "metodu" jew "imitazjoni" – anki fejn il-prodotti koperti mid-DOP u l-prodotti jew is-servizzi li għalihom japplika s-sinjal ikkontestat huma identiċi jew komparabbli.

46. Għalhekk, għalkemm ma hemmx dubju li l-kamp ta' applikazzjoni, sabiex insejħulu hekk, "naturali" tal-protezzjoni tad-DOP kontra kwalunkwe evokazzjoni huwa kkostitwit mis-sitwazzjonijiet li fihom, minħabba l-identiċità jew il-komparabbiltà bejn il-prodotti li jibbenefikaw mid-denominazzjoni protetta u l-prodotti jew is-servizzi koperti mis-sinjal ikkontestat, l-użu ta' dan tal-aħħar jippermetti lid-detentur tiegħu li juża kwalitajiet tipiċi rrikonoxxuti lil dawn tal-ewwel, jirriżulta, kif rajna [37], mill-istess preambolu tar-Regolament Nru 1308/2013 u huwa kkonfermat b'mod ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li d-DOP huma, b'mod iktar ġenerali, protetti kontra kwalunkwe sfruttament abbużiv tar-reputazzjoni tal-prodotti li għandhom din il-protezzjoni.

47. Kif diġà kelli okkażjoni nosserva fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Fundación Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida Queso Manchego (C-614/17, EU:C:2019:11, punt 17), il-protezzjoni kontra evokazzjoni tikkostitwixxi forma ta' protezzjoni *sui generis*, mhux marbuta mal-kriterju ta' qerq – li jippreżumi l-idoneità tas-sinjal kunfliġġenti mad-denominazzjoni rreġistrata biex iwassal lill-pubbliku jiżbalja fir-rigward tal-provenjenza ġeografika jew tal-kwalità tal-prodott – u ma hijiex sempliċement protezzjoni marbuta mal-konfużjoni. L-għan prinċipali tagħha huwa li jiġi mfittex fil-protezzjoni tal-patrimonju kwalitattiv u tar-reputazzjoni tad-denominazzjonijiet irreġistrati kontra atti ta' parassitiżmu.

48. L-eżistenza ta' evokazzjoni għalhekk għandha tiġi evalwata abbażi ta' kriterji speċifiċi għall-protezzjoni mogħtija lid-DOP u li jservu sabiex jintlaħqu għanijiet proprji tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kwalità.

[33] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tad-29 ta' Settembru 1998, Canon (C-39/97, EU:C:1998:442, punt 23).

[34] Artikolu 103(2)(a)(i) tar-Regolament Nru 1308/2013. Nirrileva inċidentalment li kunċetti analogi, bħal, pereżempju, "prodott tal-istess tip" jinsabu wkoll fid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti tal-Unjoni dwar indikazzjonijiet ġeografiċi relatati mal-projbizzjonijiet assoluti tar-reġistrazzjoni tat-trade marks f'każ ta' kunflitt ma' DOP jew IĠP (ara, bħala eżempju, l-Artikolu 14(1) tar-Regolament 1151/2012). Dawn il-kunċetti huma interpretati bl-istess mod mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), ara l-Linji Gwida għall-Eżaminazzjoni ta' Trademarks tal-Unjoni Ewropea, Parti B, Eżami, Taqsima 4, Raġunijiet Assoluti għal Rifjut, Kapitolu 10, Trademarks f'Kunflitt mal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, p. 618.

[35] Ara s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2011, Bureau National Interprofessionnel du Cognac, (C-4/10 u C-27/10, EU:C:2011:484, punt 55). Għal interpretazzjoni iktar wiesgħa, b'riferiment għall-kunċett ta' "prodott tal-istess tip" fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament Nru 2081/92, ara s-sentenza tat-2 ta' Frar 2017, Mengozzi vs EUIPO – Consorzio per la tutela dell'olio extravergine di oliva toscano (TOSCORO) (T-510/15, EU:T:2017:54, punt 44), li tistipula li huwa suffiċjenti li l-prodott inkwistjoni jaqsam mal-prodott li jikkostitwixxi s-suġġett tal-indikazzjoni ġeografika xi karatteristiċi komuni.

[36] Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-4 ta' Marzu 1999, Consorzio per la tutela del formaggio Gorgonzola (C-87/97, EU:C:1999:115, punt 26) u tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punt 45).

[37] Ara l-punti 35 sa 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja progressivament spjegat il-kriterji li għandhom jiġu applikati għal tali evalwazzjoni. Hija b'hekk iddeċidiet li l-kunċett ta' "evokazzjoni" ikopri qabel xejn każ li fih it-terminu użat sabiex jiddeskrivi prodott jinkludi parti ta' denominazzjoni rreġistrata, b'tali mod li l-konsumatur, "li quddiemu jkollu l-isem tal-prodott, ix-xbieha li tiskatta f'moħħu hija dik tal-prodott li jibbenefika minn din id-denominazzjoni" [38].

50. Fis-sentenza Scotch Whisky Association, b'riferiment għall-Artikolu 16(b) tar-Regolament Nru 110/2008, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu spjegat li la l-inkorporazzjoni parzjali ta' denominazzjoni rreġistrata fid-denominazzjoni kkontestata, u lanqas familjarità fonetika u viżiva fl-ewwel waħda meta pparagunata mat-tieni waħda ma jikkostitwixxi rekwiżiti essenzjali sabiex tiġi żgurata l-eżistenza ta' evokazzjoni [39]. Din tal-aħħar tista' fil-fatt tirriżulta anki mill-"prossimità kunċettwali" bejn id-denominazzjoni rreġistrata u s-sinjal ikkontestat [40]. Għal dan il-għan, ma huwiex suffiċjenti li l-element ikkontestat tas-sinjal inkwistjoni jqajjem f'moħħ il-pubbliku rilevanti xi assoċjazzjoni mad-denominazzjoni rreġistrata jew maż-żona ġeografika relatata. Hemm bżonn minflok "rabta suffiċjentement diretta u inekwivoka" bejn dan l-element u d-denominazzjoni rreġistrata [41].

51. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kriterju determinanti sabiex jiġi vverifikat jekk hemmx "evokazzjoni" ta' DOP fis-sens tal-Artikolu 103(2) tar-Regolament Nru 1308/2013, bħal fid-dispożizzjonijiet korrispondenti tar-regolamenti li jirregolaw id-diversi sistemi tal-Unjoni dwar il-kwalità huwa għalhekk "jekk il-konsumatur, fil-preżenza ta' denominazzjoni inkwistjoni, huwiex imwassal direttament, sabiex ix-xbieha li tiskatta f'moħħu hijiex dik tal-merkanzija koperta mi[d-DOP]" [42]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li ma tistax tiġi eskluża evokazzjoni anki fejn l-element ikkontestat ma huwiex magħmul minn denominazzjoni iżda minn sinjali figurattivi, li, minħabba l-prossimità kunċettwali tagħhom mad-denominazzjoni rreġistrata, jistgħu jiskattaw b'mod direct u univoku fil-moħħ tal-konsumatur riferiment għall-prodotti li jibbenefikaw minn tali denominazzjoni [43].

52. Huwa ċertament veru li l-prinċipji hawn fuq indikati ġew spjegati mill-Qorti tal-Ġustizzja b'riferiment għal sitwazzjonijiet li fihom il-prodotti koperti mid-denominazzjoni rreġistrata u l-prodotti koperti mis-sinjal ikkontestat kienu komparabbli b'mod sinjifikattiv.

53. Madankollu, meta l-Qorti tal-Ġustizzja progressivament iddefinixxiet il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-eżistenza ta' evokazzjoni, hija, b'mod dejjem iktar evidenti, enfasizzat il-proċess ta' assoċjazzjoni mentali bejn is-sinjal ikkontestat u l-prodott li jibbenefika mid-DOP jew mill-IĠP. F'dan il-kuntest, ix-xebh bejn il-prodotti inkwistjoni, kemm mill-perspettiva tal-prodott kif ukoll mill-apparenza konkreta tagħhom, ġie kkunsidrat bħala element ta'

38 Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-4 ta' Marzu 1999, Consorzio per la tutela del formaggio Gorgonzola, C-87/97, EU:C:1999:115, punt 25, tas-26 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-132/05, EU:C:2008:117, punt 44), u tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punt 21).

39 Ara s-sentenza Scotch Whisky Association, punti 46 u 49.

40 Ara s-sentenza Scotch Whisky Association, punt 50.

41 Ara s-sentenza Scotch Whisky Association, punt 53.

42 Ara, b'analoġija, is-sentenza Scotch Whisky Association, punt 51, u s-sentenzi tat-2 ta' Mejju 2019, Fundación Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida Queso Manchego (C-614/17, EU:C:2019:344, punt 20) u tas-17 ta' Diċembru 2020 Syndicat interprofessionnel de défense du fromage Morbier (C-490/19, EU:C:2020:1043, punt 26).

43 Ara s-sentenza tat-2 ta' Mejju 2019, Fundación Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida Queso Manchego (C-614/17, EU:C:2019:344, punt 21). Ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020 Syndicat interprofessionnel de défense du fromage Morbier (C-490/19, EU:C:2020:1043, punt 27).

evalwazzjoni tal-idonjetà tal-familjarità fonetika, viżiva u kunċettwali li jkun hemm bejn is-sinjali kunfliġġenti li twassal għall-assoċjazzjoni mentali neċessarja iktar milli bħala prerekwiżit għall-finijiet tal-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' evokazzjoni [44].

54. B'mod iktar ġenerali, kif diġà kelli okkażjoni nosserva fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Fundación Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida Queso Manchego [45], mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [46] jirriżulta li l-analiżi dwar l-eżistenza ta' evokazzjoni għandha tikkunsidra kull riferiment impliċitu jew espliċitu għad-denominazzjoni rreġistrata, kemm jekk tirrigwarda elementi verbali jew figurattivi inklużi fuq it-tikketta tal-prodott konvenzjonali [47] jew fuq l-ippakkjar tiegħu, jew elementi li jirrigwardaw il-forma jew il-preżentazzjoni lill-pubbliku ta' tali prodott [48]. Din l-analiżi għandha tieħu wkoll inkunsiderazzjoni l-identiċità jew il-grad ta' xebh bejn il-prodotti inkwistjoni u l-metodi ta' kummerċjalizzazzjoni tagħhom, anki fejn jidħlu l-kanali tal-bejgħ rispettivi, kif ukoll l-elementi li jippermettu li tiġi stabbilita r-rabta intenzjonali mat-tqanqil tal-memorja tal-prodott kopert mid-denominazzjoni protetta jew, viċe versa, ir-rabta każwali tiegħu. Il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' evokazzjoni tirriżulta għalhekk mill-evalwazzjoni ta' grupp ta' indizji mingħajr ma l-preżenza jew l-assenza ta' wieħed minn dawn l-indizji tippermettilha, fiha nnifisha, li tistabbilixxi jew teskludi l-eżistenza ta' evokazzjoni.

55. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti nqis li l-identiċità jew il-komparabbiltà bejn il-prodott li jibbenefika minn DOP jew minn IĠP u l-prodott (jew is-servizz) kopert bis-sinjal ikkontestat jew bejn l-ewwel wieħed u ingredjent li jikkonferixxi karatteristika tat-tieni wieħed [49] ma tikkostitwixxix element ta' evalwazzjoni b'mod preliminari sabiex eventwalment tiġi eskluża *a priori* evokazzjoni fis-sens tal-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013.

56. Madankollu, tali identiċità jew komparabbiltà, jew in-nuqqas tagħha, tikkostitwixxi element li għandu jiġi kkunsidrat sabiex jiġi evalwat, fil-kuntest ta' eżami taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, jekk hemmx konkretament l-elementi ta' tali evokazzjoni. Il-fatt li dawn il-prodotti jippreżentaw karatteristiċi oġġettivi komuni, li jikkorrispondu għal okkażjonijiet ta' konsum identiċi, jew li għandhom dehra analoga, iżda li huma anki kompetituri jew kumplimentari [50], huwa għalhekk element ta' evalwazzjoni rilevanti, l-istess bħal, fil-każ li fih is-sinjal ikkontestat jirreferi għal servizz, il-fatt li dan huwa relatat mad-distribuzzjoni tal-prodott kopert bid-denominazzjoni rreġistrata jew ta' prodott identiku jew komparabbli.

57. Fid-dawl tad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jeħtieġ li jingħataw iktar spjegazzjonijiet dwar il-kunċett ta' konsumatur rilevanti fl-evalwazzjoni ta' evokazzjoni u dwar in-"natura gradwatorja" tal-evokazzjoni. Sussegwentement, ser jingħataw xi indikazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji hawn fuq imsemmija għall-kawża prinċipali.

[44] Ara, pereżempju, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punti 33 u 35).

[45] C-614/17, EU:C:2019:11, punt 29.

[46] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Marzu 1999, Consorzio per la tutela del formaggio Gorgonzola (C-87/97, EU:C:1999:115, punti 27 u 28); tas-26 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-132/05, EU:C:2008:117, punti 46 u 47); tal-14 ta' Lulju 2011, Bureau National Interprofessionnel du Cognac (C-4/10 u C-27/10, EU:C:2011:484, punt 57) u tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punti 33, 35 u 37).

[47] Dawn huma prodotti li ma humiex koperti minn denominazzjoni jew minn indikazzjoni ġeografika protetta.

[48] F'dan ir-rigward, infakkar li, fis-sentenza tat-2 ta' Mejju 2019, Fundación Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida Queso Manchego (C-614/17, EU:C:2019:344, punt 27), il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat, b'riferiment għall-Artikolu 13(1)(a) sa (d) tar-Regolament Nru 510/2006, li l-lista gradwata ta' aġir ipprojbit li tinsab f'din id-dispożizzjoni tirrigwarda n-natura tal-atti pprojbiti u mhux l-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi stabbilit jekk taqax taħt xi waħda mill-eżempji.

[49] Dan huwa l-każ li kien evalwat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża li wasslet għas-sentenza CIVC, li għaliha l-qorti tar-rinviju tirreferi b'mod impliċitu fil-formulazzjoni tat-tieni domanda preliminari.

[50] F'dan is-sens, ara s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punt 37).

1. Fuq il-pubbliku rilevanti

58. Peress li, kif intwera, il-konstatazzjoni ta' evokazzjoni pprojbita mill-Artikolu 103(2) tar-Regolament Nru 1308/2013 ma tirrikjedix il-prova ta' probabbiltà ta' konfużjoni, il-pubbliku rilevanti, li l-perċezzjoni tiegħu tassumi importanza sabiex jiġi evalwat jekk is-sinjal ikkontestat jistax iwassal għal assoċjazzjoni illegali mad-denominazzjoni rreġistrata, ma huwiex magħmul, kuntrarjament għal dak li jidher li kkunsidrat il-Juzgado mercantil de Barcelona (il-Qorti Kummerċjali ta' Barcelona) fis-sentenza appellata quddiem il-qorti tar-rinviju, sempliċement minn ċirku ta' persuni li għalihom huma intiżi l-prodotti koperti b'din id-denominazzjoni.

59. Fid-dawl, b'mod partikolari, tal-għanijiet tal-protezzjoni tal-kompetizzjoni ġusta u tal-protezzjoni tal-konsumatur li għandhom jintlaħqu mid-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni tad-DPO u tal-IĠP, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li, fil-ġurisprudenza relatata mal-eżistenza ta' evokazzjoni ta' dawn id-denominazzjonijiet, hija l-qorti nazzjonali li għandha tirreferi għall-perċezzjoni ta' "konsumatur medju normalment informat u raġonevolment attent u avżat"[51] u li, fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni effettiva u uniformi ta' tali denominazzjonijiet fit-territorju intern tal-Unjoni, dan il-kunċett jirrigwarda l-konsumatur Ewropew[52] u mhux biss, kif jidher li qed isostni b'mod żbaljat GB, konsumatur tal-Istat Membru li fih huwa mmanifatturat il-prodott (jew ipprovdut is-servizz) li jwassal għall-evokazzjoni tad-denominazzjoni rreġistrata[53].

2. Fuq in-"natura gradwatorja" tal-evokazzjoni

60. Fit-tielet domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-possibbiltà li r-"riskju ta' evokazzjoni" jiġi ggradat, b'mod partikolari fid-dawl tal-paragun bejn il-prodotti evokati u prodotti u servizzi evokattivi, u li mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 jiġu esklużi l-każijiet li fihom tali riskju huwa baxx jew irrilevanti.

61. F'dan ir-rigward, hawn fuq diġà spjegajt li l-evalwazzjoni li għandha ssir skont din id-dispożizzjoni għandha ssir fid-dawl tal-fatturi rilevanti kollha, fosthom il-komparabbiltà bejn il-prodotti inkwistjoni (jew bejn il-prodotti li jibbenefikaw mid-denominazzjoni rreġistrata u s-servizz kopert bis-sinjal ikkontestat), mingħajr madankollu ma l-assenza jew il-livell inqas ta' tali komporabbiltà jippermettu li tiġi eskluża b'mod awtomatiku l-eżistenza ta' evokazzjoni.

62. Fid-dawl ta' dan, jekk il-qorti nazzjonali, li għandha tagħmel din l-evalwazzjoni[54], billi tibbaża ruħha fuq ir-reazzjoni preżunta tal-konsumatur[55] tasal għall-konklużjoni li dan tal-aħħar huwa mwassal, fil-preżenza tas-sinjal ikkontestat, sabiex "ix-xbieha li tiskatta f'moħħu" tkun dik tal-prodott protett mid-denominazzjoni rreġistrata, l-użu ta' tali sinjal jaqa' fil-projbizzjoni tal-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013. Jekk, minn naħa l-oħra, skont l-istess qorti, tali assoċjazzjoni ta' ideat ma tistax isseħħ, evokazzjoni fis-sens ta' din id-dispożizzjoni għandha tiġi kkunsidrata eskluża.

[51] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punti 22 sa 26).

[52] Ara s-sentenzi tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punt 27) u tat-2 ta' Mejju 2019, Fundación Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida Queso Manchego (C-614/17, EU:C:2019:344, punti 47 sa 50); ara wkoll is-sentenza Scotch Whisky Association, punt 59.

[53] Ara s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punt 27).

[54] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punt 31).

[55] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punt 22).

63. Il-kunċett ta' "evokazzjoni" għalhekk ma jistax jiġi ggradat. Id-delimitazzjonijiet ta' dan il-kunċett diġà ġew identifikati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Scotch Whisky, li fiha, kif diġà fakkart fil-punt 50 ta' dawn il-konklużjonijiet, hija spjegat li huwa biss fil-preżenza ta' "rabta suffiċjentement diretta u inekwivoka"[56] bejn is-sinjal ikkontestat u d-denominazzjoni rreġistrata li l-elementi ta' dawn il-kunċetti jistgħu jiġu kkunsidrati integrati[57]. Fl-assenza ta' tali rabta "kkaratterizzata", anki fejn ikun hemm riferiment għad-denominazzjoni rreġistrata u l-prodotti inkwistjoni jkunu komparabbli, l-evokazzjoni għandha tkun eskluża.

3. Applikazzjoni fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali

64. Anki jekk, kif diġà ntqal, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddeċiedi dwar il-każ imressaq quddiemha fid-dawl tal-elementi kollha esposti hawn fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja, meta tiddeċiedi dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari, madankollu tista', fejn ikun meħtieġ, tagħti indikazzjonijiet intiżi sabiex jiggwidaw lil din il-qorti fid-deċiżjoni tagħha[58].

65. F'każ li, bħal fil-kawża prinċipali, tkun meħtieġa l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' evokazzjoni b'riferiment għall-użu ta' denominazzjoni, il-qorti nazzjonali għandha, abbażi tal-ġurisprudenza hawn fuq imsemmija, tieħu inkunsiderazzjoni l-eventwali inkorporazzjoni parzjali tad-denominazzjoni rreġistrata fid-denominazzjoni kkontestata, ta' xebh fonetiku u/jew viżiv ta' din tal-aħħar mad-denominazzjoni rreġistrata[59], jew inkella ta' prossimità kunċettwali bejn it-termini kunfliġġenti, anki jekk minn lingwi differenti[60].

66. Fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, id-DOP "Champagne", fil-forma li fiha ġiet irreġistrata, ġiet parzjalment inkorporata fid-denominazzjoni kkontestata. It-traduzzjoni bl-Ispanjol ta' din id-DOP ("Champàn") minn naħa l-oħra kienet is-suġġett ta' inkorporazzjoni totali (bl-eċċezzjoni tal-aċċent). Minn dan jirriżulta xebh rilevanti kemm viżiv kif ukoll fonetiku bejn iż-żewġ denominazzjonijiet, kemm jekk tiġi kkunsidrata l-forma li fiha d-DOP "Champagne" ġiet irreġistrata kif ukoll jekk tiġi kkunsidrata t-traduzzjoni bl-Ispanjol ta' tali denominazzjoni. Mill-perspettiva kunċettwali, kif diġà ġie rrilevat, jidher li hemm rabta diretta mal-prodott kopert mid-DOP "Champagne", jekk – kif jidher, li iżda għandu jiġi kkonfermat mill-qorti tar-rinviju – bl-Ispanjol il-kelma "Champanillo" tfisser litteralment "xampanja żgħira".

67. F'dak li jirrigwarda l-elementi li ma humiex relatati mal-paragun bejn id-denominazzjonijiet kunfliġġenti, il-qorti tar-rinviju għandha tikkunsidra, qabel xejn, ir-rabta eżistenti bejn il-prodott kopert mid-DOP Champagne u s-servizz kopert mis-sinjal ikkontestat, rabta li jidher li hija diffiċli li tiġi kkontestata peress li titratta servizzi ta' ikel, jiġifieri servizzi li jistgħu jkunu direttament

[56] Kif ikkonfermajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Fundación Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida Queso Manchego (C-614/17, EU:C:2019:11, punt 19), din il-preċiżazzjoni għandha, fil-fehma tiegħi, tiġi interpretata f'termini kemm ta' immedjatezza (il-proċess konjittiv assoċjattiv ma għandux jeħtieġ riformulazzjoni kumplessa tal-informazzjoni) kif ukoll ta' intensità (l-assoċjazzjoni mal-immaġni tal-prodott kopert mid-denominazzjoni rreġistrata għandha timponi ruħha b'qawwa suffiċjenti) tar-reazzjoni tal-konsumatur għall-istimulu.

[57] Ara s-sentenza Scotch Whisky Association, punt 53.

[58] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Viiniverla (C-75/15, EU:C:2016:35, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[59] Ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-4 ta' Marzu 1999, Consorzio per la tutela del formaggio Gorgonzola (C-87/97, EU:C:1999:115, punti 25 u 27), tas-26 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-132/05, EU:C:2008:117, punti 46 sa 48) u tas-17 ta' Diċembru 2020 Syndicat interprofessionnel de défense du fromage Morbier (C-490/19, EU:C:2020:1043, punt 26).

[60] Ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-132/05, EU:C:2008:117, punt 47) u tas-17 ta' Diċembru 2020 Syndicat interprofessionnel de défense du fromage Morbier (C-490/19, EU:C:2020:1043, punt 26); ara wkoll is-sentenza Scotch Whisky Association, punt 50.

relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' xampanja jew ta' prodotti "komparabbli". L-intensità ta' din ir-rabta għandha tiġi evalwata billi jiġi assigurat li, kif jidher li huwa l-każ, il-bejgħ ta' xampanja jew ta' xorb tal-istess tip huwa normali fis-settur tal-ikel li fih jopera GB[61].

68. Element ieħor li l-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tagħha huwa l-fatt li d-denominazzjoni kkontestata hija għandha magħha, fl-informazzjoni u fil-messaġġi pubbliċitarji użati minn GB, minn stampa li fiha jidhru żewġ tazzi fil-forma ta' tazza bis-sieq (tipikament użati għall-konsum tax-xampanja) li fihom xarba frizzanti, imsallba f'xulxin biex jirrapreżentaw l-att ta' awgurju. Minkejja l-kulur aħmar tax-xarba, din ir-rappreżentazzjoni tippreżenta mingħajr dubju tfakkira potenzjali kemm għall-prodott tad-DOP "Champagne" kif ukoll għall-okkażjonijiet tipikament marbuta mal-konsum tagħha.

69. Finalment, anki jekk in-natura intenzjonali tal-aġir ma hijiex rikjesta għall-finijiet tal-konstatazzjoni ta' evokazzjoni fis-sens tal-Artikolu 103(2) tar-Regolament Nru 1308/2013[62], hija tikkostitwixxi element li għandu jiġi kkunsidrat fil-kuntest ta' tali evalwazzjoni[63]. Issa, il-fatturi kollha msemmija hawn fuq – inkluża l-kummerċjalizzazzjoni, fil-passat, fl-istabbilimenti koperti bis-sinjal ikkontestat ta' inbid frizzanti taħt l-istess denominazzjoni CHAMPANILLO – meħuda flimkien, jidhru pjuttost jimmilitaw favur element mhux każwali ta' riferiment għad-DOP "Champagne".

70. Bħala konklużjoni, bla ħsara għall-konstatazzjonijiet li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju, fid-dawl tal-elementi li jirriżultaw mill-proċess, inqis li, fil-preżenza tas-sinjal "Champanillo", kif użat minn GB sabiex ikopri u jippubbliċizza s-servizzi ta' ikel tiegħu, konsumatur medju Ewropew normalment informat u raġonevolment avżat jitwassal sabiex ikollu direttament f'moħħu, bħala xbieha ta' riferiment, il-prodott protett mid-DOP "Champagne" u li għalhekk huma preżenti l-elementi ta' evokazzjoni pprojbiti fis-sens tal-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013.

4. Konklużjonijiet dwar it-tieni u t-tielet domanda preliminari

71. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għat-tieni u għat-tielet domanda preliminari fis-sens li, sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx evokazzjoni ta' DOP fis-sens tal-Artikolu 103(2) tar-Regolament Nru 1308/2013, ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit preliminarjament li l-prodott kopert mid-DOP u l-prodott jew is-servizz kopert mis-sinjal ikkontestat ikunu identiċi jew komparabbli jew li dan tal-aħħar prodott jinkludi, fl-ingredjenti tiegħu, il-prodott kopert mid-DOP. Tali identiċità jew komparabbiltà, jew l-assenza tagħha, madankollu tikkostitwixxi element li l-qorti nazzjonali għandha tikkunsidra, flimkien ma' kwalunkwe element ieħor rilevanti, għall-evalwazzjoni dwar l-eżistenza ta' evokazzjoni fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

[61] Nirrileva li, fir-risposti għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, GB jiddeskrivi l-attività ta' ikel tiegħu bħala iffukata fuq platti adattati għal konsum rapidu u 'l bogħod mill-"atmosfera ta' lussu u prestiġju" li ċ-CIVC jorbot mad-DOP protetta minnu.

[62] F'dan is-sens, ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Consorzio per la tutela del formaggio Gorgonzola (C-87/97, EU:C:1998:614, punt 33).

[63] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Consorzio per la tutela del formaggio Gorgonzola (C-87/97, EU:C:1998:614, punt 35), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Fundación Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida Queso Manchego (C-614/17, EU:C:2019:11, punt 29) u fil-kawża Syndicat interprofessionnel de défense du fromage Morbier (C-490/19, EU:C:2020:730, punt 45).

D. Fuq ir-raba' domanda preliminari

72. Permezz tar-raba' domanda preliminari, l-Audiencia provincial de Barcelona (il-Qorti Provinċjali ta' Barcelona) essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-protezzjoni kontra l-evokazzjoni prevista mill-Artikolu 103(2) tar-Regolament Nru 1308/2013 tirrikjedix il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' kompetizzjoni żleali.

73. Kif diġà ntqal, il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet irreġistrati stipulata fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kwalità tissodisfa kriterji speċifiċi u funzjonali għat-twettiq tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu minn din il-leġiżlazzjoni [64]. Dawn il-kriterji huma elenkati b'mod eżawrjenti fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw id-diversi każijiet ta' ksur tad-denominazzjonijiet irreġistrati inklużi fir-regolamenti settorjali u trasversali li jiffurmaw parti minn din il-leġiżlazzjoni [65]. Barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu applikati b'mod uniformi fit-territorju kollu tal-Unjoni.

74. Fir-rigward b'mod partikolari tal-protezzjoni tad-denominazzjonijiet irreġistrati kontra l-evokazzjoni, mir-risposti mogħtija għall-ewwel tliet domandi preliminari jirriżulta li din il-protezzjoni ma tirrikjedix il-konstatazzjoni la tal-eżistenza ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti koperti mid-denominazzjoni rreġistrata u l-prodotti jew is-servizzi li għalihom ġie użat is-sinjal ikkontestat jew ta' probabbiltà ta' konfużjoni minn naħa tal-konsumatur fir-rigward ta' tali prodotti u/jew servizzi, u lanqas in-natura intenzjonali tal-aġir li jista' jagħti lok għal evokazzjoni.

75. Għalhekk, jekk, kif osservat mill-Kummissjoni, ma huwiex eskluż li l-istess aġir jista' jkollu fl-istess ħin l-elementi ta' prattika pprojbita mill-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 u ta' att ta' kompetizzjoni żleali fis-sens tad-dritt nazzjonali applikabbli, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni huwa usa' u ma huwiex limitat għal każ li fih tali aġir ikun sar minn kompetitur.

76. Għalhekk nissuġġerixxi li r-risposta għar-raba' domanda preliminari għandha tkun fis-sens li l-protezzjoni kontra l-evokazzjoni prevista mill-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 ma hijiex limitata biss għall-każijiet fejn il-prattika li tagħti lok għal evokazzjoni tinkludi elementi ta' att ta' kompetizzjoni żleali fis-sens tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali applikabbli.

IV. Konklużjoni

77. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Audiencia provincial de Barcelona (il-Qorti Provinċjali ta' Barcelona, Spanja):

L-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, għandu jiġi interpretat fis-sens li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni anki atti ta' użu ħażin, imitazzjoni jew evokazzjoni ta' DOP li jirreferu għal servizzi.

[64] Ara, f'dak li jirrigwarda b'mod partikolari l-awtonomija tas-sistema tad-denominazzjonijiet ġeografiċi meta mqabbla ma' dik tat-trade marks, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Syndicat interprofessionnel de défense du fromage Morbier (C-490/19, EU:C:2020:730, punt 29).

[65] Ara, f'dan is-sens, il-punt 16 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata.

Sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx evokazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini fis-sens tal-Artikolu 103(2) tar-Regolament Nru 1308/2013, ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit preliminarjament li l-prodott li jibbenefika minn tali denominazzjoni u l-prodott jew is-servizz kopert mis-sinjal ikkontestat ikunu identiċi jew komparabbli jew li l-aħħar prodott ikun jinkludi, fl-ingredjenti tiegħu, il-prodott li jibbenefika mid-denominazzjoni ta' oriġini protetta. Tali identiċità jew komparabbiltà, jew l-assenza tagħha, madankollu tikkostitwixxi element li l-qorti nazzjonali għandha tikkunsidra, flimkien ma' kwalunkwe element ieħor rilevanti, għall-evalwazzjoni dwar l-eżistenza ta' evokazzjoni fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni.

Il-protezzjoni kontra l-evokazzjoni prevista mill-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 ma hijiex limitata biss għall-każijiet fejn il-prattika li tagħti lok għal evokazzjoni tinkludi elementi ta' att ta' kompetizzjoni żleali fis-sens tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali applikabbli.